# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: pr161956, Press Release Issue Date: Sep 14, 2016

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed), il-prodott imsemmi hawn taħt m'għandux jiġi kkunsmat minħabba l-preżenza tas-sustanza mhux awtorizzata Agmatine Sulfate fl-istess prodott.

Deskrizzjoni tal-Prodott: Arnold Schwarzenegger Iron Pump Pre-Workout Muscle formula
Ditta: Musclepharm
Origini: USA
Użin: 180g
Numri tal lot: 14329 030NT (Fruit punch);
14315 030NT (Watermelon)

Il-kumpanija involuta ddikjarat li l-konsenja laħqet nbiegħet kollha, għaldaqstant id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment l-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.